MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR**
**RAPHAEL FENECH ADAMI**

Seduta ta' l-4 ta' April, 2007

Talba Numru. 570/2007

**Antoine Zahra**
**(ID 373979 M)**

**Vs**

**Alan Gatt u**
**The Malta Labour Party**

**It-Tribunal,**

Ra l-Avviz fl-ismijiet premessi prezentat fis-17 ta` Lulju, 2007, fejn intalab li l-konvenuti ghandhom jigu kkundannati jhallsu lill-attur, is-somma ta' sitt mija u hamsin lira (Lm650.00c), rapprezentanti bilanc ta` xoghol ta` aluminium rez lill-konvenuti fuq inkarigu taghhom.

Bl-ispejjez u bl-imghaxijiet legali kontra l-konvenuti ngunti in subizzjoni.

Ra n-nota tal-mistoqsijiet ta` l-attur ghas-subizzjoni tal-Partit konvenut sabiex ufficcjali tieghu jwiegbu ghalihom bil-gurament taghhom u biex b'hekk il-kreditu hawn pretiz jigi ppruvat (Artikolu 698(2) u 702 tal-Procedura Civili).

Ra illi ghalkemm notifikat legalment l-istess ufficcjali tal-partit konvenut ma deherux la fis-seduta tad-29 ta` Frar, 2008, meta gie pprezentat l-Kapitolu ghas-subizzjoni taghhom u lanqas ghas-seduta ta' llum, u n-nota tal-mistoqsijiet tisthoqq li tkun emmnuta u ghalhekk ghandha tittiehed bhala mistqarra.

Ha konjizzjoni tac-cirkostanzi kollha tal-kaz.

Ghaldaqstant, peress illi t-talba attrici tirrizulta soddisfacentement pruvata fil-konfront tal-Partit konvenut, u wara li ra l-Artikolu 13 (b) ta' l-Att V ta' l-1995, it-Tribunal jilqa' t-talba attrici fil-konfornt ta` l-istess Partit konvenut u kwindi jikkundanna lill-Partit konvenut ihallas lill-attur, is-somma kif rikjesta fl-ammont ta` €1514.09c (Euros) gia` Lm650.00c, bl-imghaxijiet legali dekorribbli mid-data tal-prezentata ta` l-odjern avviz b'dan illi l-ispejjez relattivi ta` din l-istanza jibqghu rizervati ghal gudizzju finali stante li din il-kawza sejra tissokta wkoll fil-konfront tal-konvenut l-iehor Alan Gatt.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------